

# il-hajja ta' kristu gesu'

## 15. GESU' JINZEL GHALL-FESTA TA' L-GHID

Gv 2:13  sa Gv 3:21



Wasal iz-zmien li f'Gerusalemm tigi ccelebrata l-festa ta' l-Ghid u ghaliha kienu jitilghu bosta nies mill-inhawi kollha.

F'wiehed minn dawn il-gruppi kien hemm Gesu' u d-dixxipli tieghu, Indri, Xmun, Filippu u Natanjiel.

Dawn dejjem kienu jmorru kull fejn kien imur Gesu' biex jghallem u jxerred l-ahbar it-tajba. Il-qassisin biss kienu jistghu jidhlu fil-qalbha tat-tempju filwaqt li n-nies li kienu jmorru biex jaduraw lil Alla kienu joqghodu bil-btiehi tat-tempju jitolbu waqt lis-sacerdoti kienu joffru s-sagrificcji fuq l-artali.

Meta wasal Gesu flimkien mad-dixxipli tieghu biex jiehu sehem fil-festa sab dizordni fil-bitha fejn in-nies suppost li kienu qed jitolbu.

Din il-bitha sabieha kienet aktar tixbah lil xi suq milli dar tat-talb ghaliex fiha kien hemm hafna bejjiegha jghiebu annimali ghas-sagrificcju lil dawk li kienu gew minn pajjizi l-boghod.

Ohrajn li kienu jsejhulhom cangiera tal-flus, kienu qeghdin bil-qieghed quddiem imwejjed zghar jbiddlu bicciet tal-flus tal-fidda, msejha xike,l ma' flus li dawn il-vizitaturi gabu maghhom minn artiet l-boghod. Jinghad li kull Lhudi 'l fuq minn ghoxrin sena kien jaghti xikel wiehed lil qassis kull sena biex jixtri s-sagrificcju u jghin fil-bzonnijiet ohra tat-tempju.

Ebda flus ohra hlief ix-xikel ma kienu jigu accettati mill-qassisin u ghalhekk il-Lhud li kienu jigu minn artijiet 'l boghod kienu ikollhom jibdlu flushom qabel ma jaghtu dak li kien dover taghhom lis-sacerdot.

Gesu' malli ra hekk sewwed qalbu ghal dak l-istat li fih n-nies gabu dak l-post imqaddes. Huwa fehem li hadd ma seta' jitlob f'dak it-tahwid, ghajjat u genn tan-negozju.

Ghaldaqstant huwa ghamel frosta u kecca' l-annimali u l-bejjiegha taghhom 'l barra minn dak il-post u qaleb l-imwejjed ta' dawk li kienu jsaffru l-flus. " Itilqu 'l barra minn hawn u la taghmlux dar Missier ghar tal-hallelin."

Minghajr dubju kien hemm nies li kienu jiddejqu jaraw id-dar t'Alla mibdula f'suq izda qatt ma kellhom il-kuragg jaghmlu dak li wettaq Gesu' u jikkoregu dak l-izball tant hazin.

Xi Lhud interessati aktar minn negozju milli l-qima lejn Alla ma hadux pjacir b'dak li wettaq Gesu' u talbuh jaghtihom sinjal li kellu awtorita' jaghmel hekk.

Gesu' kien jaf li ma kienux ser jaccettawh minkejja li kienu jaraw sinjali u ghegubijiet u allura qalilhom: " Waqqghu dan it-tempju u jiena nibnih fi tlett ijiem."

Huwa kien qed jitkellem mit-tempju ta' gismu, li l-Lhud kienu ser jsallbu ma' salib imma li huwa kien ser iqajjem mill-mewt wara tlett ijiem. L-Lhud ma fehemux ghaliex hasbu li hu kien qed jirreferi ghat-tempju li kien bnielhom Erodi u li dam hafna snin biex tlesta. Meta semghu dan il-kliem xenglu tnejn rashom, tfanstu u telqu 'l barra. Matul din il-festa Gesu' ghallem u ghamel hafna mirakli u hafna kienu li emmnu fih ghaliex dak li kienu jaghmel hu hadd qatt ma ghamlu jew seta' jaghmlu.



Wiehed minn dawk li emmnu kien Nikodemu, sinjur u jaghmel parti mill-ghaqda tal-Farizej. Hafna minnhom ma kienux jaccettaw lil Gesu' u t-taghlim tieghu u anqas ma kienu accettaw lil Giovanni l-Battista u l-hidma tieghu. Imma jekk

dawn kienu nies suppervi u qalbhom maghluqa ghall-verita' Nikodemu kien bniedem li jfittex u jimxi wara l-verita'.  Sema' lil Gesu' jghallem u emmen li kien il-Messija.

Nikodemu xtaq hafna jisma aktar fuq dak li kien qed ixandar Gesu' u bil-lejl mar fejn kien qed joqghod Gesu' f'Gerusalemm u talbu ftit taz-zmien biex jithadded mieghu. Gesu' laqghu bil-ferha u kelmu fuq is-Saltna t'Alla. Qallu li hadd ma seta jidhol f'din is-Saltna jekk ma jitwilidx mill-gdid. Nikodemu ra din il-haga bi kbira izda Gesu' bil-pacenzja kollha spjegalu li is-sigriet ta' dan it-twelid gdid ma hu xejn hlief bidla fil-qalb.

Nikodemu qatt ma sema' kliem hekk ghaqli u ta' gherf u kompla kollu attent jisma' lil Kristu jitkellem fuq l-imhabba kbira t'Alla. Kristu semmielu l-istorja ta' meta fi zmien Mose' il-Lhud li kienu migduma mis-sriep kienu jmutu izda meta jharsu b'fidi lejn is-serpent tal-bronz imwaqqaf minn Mose' kienu jsalvaw hekk ukoll il-bniedem, b'qalbu imcappsa bid-dnub, meta jhares bil-hniena u ndiema lejn Iben il-bniedem imsammar ma' salib u li kellu jqumu mill-imwiet isib l-fejqan ta' ruhu.

Ghalkemm Nikodemu ma fehemx x'ried jghid Gesu meta habbar il-mewt tieghu, emmen bis-shih li Kristu kien Mghallem kbir li gie mis-sema biex jghix fost il-bnedmin.

Il-Fidi fi Kristu bhala Salvatur tad-dinja  flimkien ma' l-opri tajba taghna taghti l-hajja eterna.

## RIFLESSJONI

IL-KNISJA HIJA LOK FEJN WIEHED JILTAQA' MA' ALLA U HEMM FIS-SILENZJU JITKELLEM MIEGHU U JADURAH. JIXRAQ GHALHEKK KULL RISPETT U QIMA LIL DAN IL-POST.

JEKK TASSEW NEMMNU LI KRISTU HU S-SALVATUR TAGHNA, GHANDNA NFITTXUH BIEX NITGHALLMU MINNU GHAX HUWA L-VERU GHAJN TA' HAJJA. DAWK IL-HWEJJEG LI JAGHTUH GLORJA U JGHOGBUH NWETTQUHOM, DAWK LI JURTAWH U JTUH DISPJACIR NAHARBUHOM.